2026/710 20.3.2026

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/710**

**tas-16 ta’ Marzu 2026**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni UE-Repubblika tal-Moldova stabbilit mill-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali eletti tar-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([1]) (il-“Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Lulju 2016.

(2) Il-Preambolu tal-Ftehim jirrikonoxxi l-impenn tal-Partijiet li javvanzaw ir-riformi u l-proċessi ta’ approssimazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, abbażi ta’ valuri komuni, inkluż ir-rispett għal governanza tajba.

(3) Il-Ftehim jistabbilixxi l-għanijiet tad-djalogu politiku, inkluż it-tisħiħ tar-rispett għall-governanza tajba, li huwa ċentrali għat-tisħiħ tar-relazzjoni bejn il-Partijiet.

(4) L-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni dwar ir-riforma domestika jirrikjedi lill-Partijiet għall-Ftehim jikkooperaw sabiex jiżguraw li l-politiki interni tagħhom ikunu bbażati fuq prinċipji komuni, b’mod partikolari l-istabbiltà u l-effettività tal-istituzzjonijiet demokratiċi.

(5) L-Artikolu 47 tal-Ftehim jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi filwaqt li jiżgura l-iżvilupp tal-politika baġitarja u sistemi sodi ta’ kontroll intern pubbliku u awditjar estern, allinjati mal-prinċipji fundamentali tal-akkontabilità, it-trasparenza, l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

(6) L-Artikolu 107 tal-Ftehim jirrikjedi li l-Partijiet jippromwovu fehim reċiproku u kooperazzjoni bilaterali fil-qasam tal-politika reġjonali, inkluż metodi ta’ formulazzjoni u implimentazzjoni ta’ politiki reġjonali, inkluż governanza u sħubija fuq diversi livelli, b’enfasi speċjali fuq l-iżvilupp ta’ żoni żvantaġġati u l-koperazzjoni territorjali, bl-għan li jistabbilixxu mezzi ta’ komunikazzjoni u jissaħħaħ l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-atturi soċjoekonomiċi u s-soċjetà ċivili.

(7) L-Artikolu 140 tal-Ftehim jippermetti lir-Repubblika tal-Moldova tipparteċipa fl-aġenziji kollha tal-Unjoni li huma miftuħa għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova skont id-dispożizzjonijiet rilevanti li jistabbilixxu dawk l-aġenziji, fejn il-Kumitat tar-Reġjuni huwa korp konsultattiv tal-Unjoni.

(8) Il-Ftehim jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni biex jieħu deċiżjonijiet bl-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim.

(9) L-Artikolu 439(2) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni jista’ jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali f’oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(10) Il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi s-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u li tapprova l-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali eletti tar-Repubblika tal-Moldova,

([1]) ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/492/oj.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tkun li tappoġġa l-ħolqien tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u tapprova l-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali eletti tar-Repubblika tal-Moldova, u għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru …/2026 TAL-KUNSILL TA’ ASSOĊJAZZJONI UE-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA**

**ta’ …**

**fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika skont il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, u tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali eletti tar-Repubblika tal-Moldova**

IL-KUNSILL TA’ ASSOĊJAZZJONI UE-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b’mod partikolari l-Artikolu 436 flimkien mal-Artikolu 439 tiegħu,

Filwaqt li:

(1) Ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika (PAR, Public Administration Reform) hija pilastru fundamentali tal-proċess tat-tkabbir, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi se jkun kruċjali għar-Repubblika tal-Moldova biex tavvanza fit-triq tagħha lejn l-integrazzjoni fl-UE, u d-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali fl-Unjoni u dawk fir-Repubblika tal-Moldova jistgħu jipprovdu kontribut integrali għall-iżvilupp tar-relazzjonijiet tagħhom u għall-integrazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fl-Unjoni,

(2) L-istabbiliment ta’ Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika jirrappreżenta pass importanti ’l quddiem fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova u t-tisħiħ tad-djalogu ta’ politika tagħhom f’dan il-qasam kruċjali, u li l-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv bejn il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (il-“Kumitat tar-Reġjuni”) u l-awtoritajiet lokali eletti tar-Repubblika tal-Moldova (il-“Kumitat Konsultattiv Konġunt”) ssaħħaħ id-djalogu dirett bejniethom,

(3) Jenħtieġ li s-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika jservi ta’ pjattaforma għal djalogu ta’ politika strateġika u jenħtieġ li jiffaċilita d-diskussjonijiet u l-koordinazzjoni dwar riformi ewlenin fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika u huwa se jkollu rwol ċentrali fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali PAR u jipprovdi gwida biex jiġi żgurat l-allinjament mal-istandards tal-Unjoni u l-aħjar prattiki; Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt iservi ta’ pjattaforma biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki tal-Unjoni dwar il-governanza lokali u reġjonali u kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni fil-livell territorjali, u b’hekk jipprovdi forma konsistenti u stabbli ta’ kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali tal-Moldova u jippermettilhom li jkollhom rwol attiv billi jmexxu b’mod konġunt il-Kumitat Konsultattiv Konġunt u jfasslu l-aġenda tiegħu b’mod konġunt, u joħorġu rakkomandazzjonijiet.

(4) Skont l-Artikolu 436 tal-Ftehim, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim.

(5) Skont l-Artikolu 439(2) tal-Ftehim, il-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni jista’ jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali f’oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ dan il-Ftehim, u għandu jiddeċiedi dwar il-kompożizzjoni, il-kompiti u l-funzjonament ta’ tali korpi.

(6) Sabiex jippermettu diskussjonijiet fil-livell ta’ esperti dwar l-oqsma ewlenin li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim, jenħtieġ li jiġu stabbiliti s-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Kumitat Konsultattiv Konġunt,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika**

1. Is-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika huwa b'dan stabbilit.

2. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u tas-Sottokumitati, stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 1/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sottokumitat għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika jista' jinbidel bi qbil reċiproku tal-Partijiet.

*Artikolu 2*

**Kumitat Konsultattiv Konġunt**

1. L-istabbiliment tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt, magħmul minn għadd ugwali ta' rappreżentanti tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, min-naħa waħda, u rappreżentanti eletti tal-awtoritajiet lokali tar-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat.

2. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt għandu, fuq inizjattiva tiegħu stess, iwettaq l-attivitajiet tiegħu bl-għan li jippromovi d-djalogu u jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali.

3. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

4. Il-Kumitat Konsultattiv Konġunt jista' jippreżenta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

5. In-nefqa relatata mal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt, inklużi l-arranġamenti organizzattivi, il-parteċipazzjoni tad-delegati tagħhom u l-persunal ta' appoġġ, kif ukoll, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza, għandhom jitħallsu mill-Kumitat tar-Reġjuni u mill-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*